Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 06/16

**AVVIŻI**

**7 ta' Frar 2016**

Nhar it-Tlieta 9 ta' Frar sa jsir il-Festin tal-Karnival għat-tfal kollha tal-parroċċa. Dan jibda fit-3.30pm. Bħas-soltu ma jintalabx ħlas għal dan il-festin imma jintlaqgħu donazzjonijiet mingħand dawk li jkunu jixtiequ. Booking fis-Sagristija.

Nhar l-Erbgħa 10 ta' Frar huwa Ras ir-Randan. Nibdew flimkien bħala komunità nisranija dan iż-żmien li fih nagħrfu l-kobor tal-Ħniena ta' Alla. Din is-sena dan il-jum sa jaħbat f'Festa Pubblika u għalhekk ikun aktar faċli li nieħdu sehem ilkoll fil-Quddiesa. Fil-5.30pm issir Via Sagra fil-Knisja.
Fis-6.05pm ninġabru fit-tarf tal-pjazza minn fejn nimxu lejn il-Knisja filwaqt li nitolbu s-salmi. Fis-6.15pm tibda l-quddiesa solenni bit-tqegħid tar-Rmied.
Infakkru li dan huwa jum ta' penitenza u għalhekk kull min għalaq l-14-il sena għandu jastjeni mill-laħam u kull minn għandu bejn 18 u 60 sena għandu jsum.

Nhar il-Ħadd li ġej 14 ta' Frar il-membri tal-Kumitat tal-Festa sa jagħmlu l-ġabra bieb bieb b'risq il-festa.